MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira

# IS-SEBGĦA LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 63

[Nhar il-Ħamis 28 ta' Ġunju 2018]

Il-Kunsilli Lokali l-Gżira ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 283/1 Rue D'Argens, il-Gżira], fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Conrad Borg Manche – Sindku
Ralph Mangion– Viċi Sindku
Neville Chetcuti – Kunsillier
Joseph Galea – Kunsillier
Jeremy Cardona– Kunsillier
Wayne Hewitt – Kunsillier
Graziella Attard Previ – Kunsilliera

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

N/A

ASSENTI

N/A

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Anthony Attard – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku ppreseda l-laqgħa fis-5.30pm.

## 63.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

63.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-ebda kunsillier ma qal illi mhux se jattendi.

## 63.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti nru. 61

63.2.1 B'referenza għal punt nru. 61.2.3 is-Segretarju Eżekuttiv qal illi s-sid ta' Cherubino jixtieq illi l-parkings ma jintużawx biex ikun hemm biżżejjed spazju fit-triq għat-trailers, bejn l-10am u 2pm [nhar it-Tnejn sa nhar il-Ġimgħa]. Il-kunsilliera qablu li ma jista jħalli l-ebda vettura kummerċjali wara.

63.2.2 B'referenza għall-punt nru. 61.2.7 is-Segretarju Eżekuttiv qal illi avża lis-sid tas-sala li l-Kunsill mhux se jagħmel użu tas-sala wara t-terminu tal-kuntratt u li hu qabel illi tintuża bħala policlinic temporarja jekk hemm bzonn.

63.2.3 Rigward punt nru. 61.3.5 is-Segretarju Eżekuttiv qal illi Posh Turkish appellaw u li l-avukata għanda tibgħat risposta għall-appell sa nhar il-15 ta' Lulju 2018.

63.2.4 B'referenza għal punt 61.5.3 is-Segretarju Eżekuttiv qal illi Transport Malta issa bidlu d-deċiżjoni fuq Chef's Choice u approvaw l-applikazzjoni tagħhom għal-Un/Loading.

63.2.5 Rigward punt nru 61.5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi qabel ma jsir ix-xogħol minn naħa taċ-Chairman, illi għandu japprova d-dokument u jippreżenta d-dokument quddiem il-Kunsill, ma jista jsir xejn. Żied illi kien għamel is-Sindku bħala Ċerman peress illi ħadd ma kien aċċetta izda hemm bzonn illi kulħadd jagħti l-parti tiegħu, speċjalment la s-Sindku kellu l-eżamijiet. Qal illi b'hekk se neħlu fit-tenders.

63.2.6 B'referenza għal punt 61.6.4 is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ħadna 4 mobajl toilets b'xejn għas-sajf.

63.2.7 Is-Sindku ppropna li l-Minuti jiġu approvati. Il-Viċi Sindku ssekondaħ.

## 63.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti nru. 62

63.3.1 Is-Sindku ppropna li l-Minuti jiġu approvati. Il-kunsillier Jeremy Cardona ssekondaħ.

## 63.4 Korrespondenza mas-Sindku

63.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta t-talba ta' KFC biex jagħmlu bankina bħal m'hemm barra Busy Bee [l-Imsida] peress illi mhumiex konformi mar-regolamenti tal-KNPD. Żied illi l-KNPD qablu mall-proposta. Is-Sindku qal illi ma jaqbilx għax l-bankina ma tiġi għolja f'ċerti areas u fejn ikun

hemm vantaġġi għall-istabiliment, se jkun hemm problemi għal ħaddieħor. Ipprona li jmur il-perit u jara x'jista jsir. Il-Viċi Sindku ssekondaħ.

63.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi Posh Turkish appella d-deċiżjoni tat-Tribunal tal-Ippjanar u li kien preżenti quddiem it-Tribunal nhar l-Erbgħa 17 ta' Ġunja. Qal illi l-avukata għanda sal-15 ta' Lulju biex tirrispondi għall-punti tal-appell.

63.4.3 Faces: L-AKL għandom ftehim mall-kumpanija FACES fejn talbu li l-Kunsilli li għandu ħsieb jidħlu fl-iskema jiffirmaw il-ftehim li bagħtu. Is-Sindku qal illi jixtieq jaqra l-ftehim qabel ma jiffirma.

63.4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta katalgu ta' bins għall-Pjazza Meme Scicluna wara laqgħa li kellu ma kuntrattur. Il-Viċi Sindku talab illi minflok nixtru tnejn ġodda minn dawk illi xtrajna għax-Xatt. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għandna tender u nordnaw tnejn via t-tender.

63.4.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi fil-ġimgħa li għaddew saru diversi laqgħat ma' TCTC, Steve & Co. u diversi Kunsilli oħra ħalli nkunu involuti f'proġett pilota ħalli nibdew noħorġu permessi via App. Qal illi irċevejna stima ta' €3,500. Is-Sindku qal illi għandu ideat biex intejbu s-sistema. Se ssir talba flimkien ma min qed jaħdem fuq l-App ħalli qabel ma jittieħed deċiżjoni.

Il-Viċi Sindku talab biex ikun skużat fis-6.50pm. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv qablu li jitlaq bil-permess.

63.4.6 LifeFunds: Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-impjegat tal-Kunsill, is-sur Fabian Borg, qed jaħdem fuq applikazzjoni ħalli nieħdu fondi biex insebbħu ftit toroq bis-siġar. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv se jitolbu iżjed informazzjoni izda l-Kunsill qabel illi napplikaw jekk għall-ġid tal-lokalita.

63.4.7 Masters: L-impjegat tal-Kunsill, is-sur Fabian Borg, għamel talba biex ikun jista jattendi għal Masters kors ġewwa l-Universita ta' Malta. Wara diskussjoni, is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma li m'hemm l-ebda spiża għall-Kunsill Lokali u li s-sur Borg qed jagħmel talba quddiem il-Kunsill peress illi għadu ma jafx meta se jkunu l-lectures u peress illi jista jkun illi jkun hemm lezzjonijiet waqt il-ħin tax-xogħol. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni jekk jixtieq jattendi l-kors izda li jekk se jaħdem waqt il-ħin tax-xogħol għandu jittieħed bħala study-leave.

## 63.5 Mistoqsijiet tal-kunsilliera

63.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ma rċieva l-ebda mistoqsija mill-kunsillieri qabel il-laqgħa.

## 63.6 Rapporti

63.6.1 **Bank Guarantees**: Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta talbiet, u ritratti, għar-rilaxxa ammont ta'garanzija fuq il-bankina:

305 Upper St. Albert: Il-Kunsill ma qabilx illi dan jingħata l-garanzija lura.

16 Carlo Manche: Il-Kunsill qabel illi dan jingħata l-garanzija lura

269 Rue D'Argens: Il-Kunsill qabel illi dan jingħata l-garanzija lura

297 Rue D'Argens: Il-Kunsill qabel illi dan jingħata l-garanzija lura

63.6.2 **Infurzar:** Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rappreżentanti tal-Planning Authority u tal-BRO qegħdin iduru s-sites. L-applikanti issa qegħdin jitolbu l-go-ahead tal-Kunsill ħalli jkunu konformi mall-proposti tal-entitajiet. Ippreżenta dawk illi bagħtu l-affarijiet kolla li kellu bzonn qabel il-laqgħa:

11 Cameron Str.: Dan għandu bzonn jagħmel bankina madwar il-hoarding u b'hekk se jieħu tlett postijiet ta' parkeġġ. Dan Għandu jħallas €2.33 għal kull sqr. mtr. Il-Kunsill qabel.

Milano Duo: Dawn ipproponu li jagħmlu 2 zebra crossings, 1 kantuniera max-Xatt u oħra qabel il-hoarding. Qalu li għandom bzonn il-hoarding minħabba s-substation li hemm ġewwa triq Bouverie u li jekk isir bankina xorta se tinqala wara ftit ġranet biex jagħdu l-cables. Qablu mall-proposta tal-Kunsill ħalli titneħħa parti mill-ħajt ħalli jkun hemm fejn wieħed li jkun qed isuq minn triq Bouverie jara li se jaqsmu n-nies mall-kantuniera tax-Xatt.

Adelphi: Minħabba l-hoarding dan għandu jagħmel 2 zebra crossings. 1 ġewwa triq ir-Rebħua u oħra ġewwa Sliema Rd. eżatt qabel il-hoarding.

Fleet Str.: Minħabba l-proġett ta' 115 The Strand hemm bzonn 4 zebra crossings.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi biex isiru dawn il-crossings/hoardings/bankini wieħed għandu jikkonsidra li se nitilfu postijiet ta' parkeġġi izda fl-istess ħin iridu nkunu konxji għas-sigurta tan-nies. Fl-istess ħin żied illi dawn il-proġetti ilhom li bdew u diffiċli jitneħħew il-hoardings li jeżistu.

Il-Kunsill qabel li dawn isiru. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-ewwel se nibagħtu lil TM għall-approvazzjoni peress illi partijiet mit-toroq se jkunu affettwati.

63.6.3 **Tender Str. Cleaning:** Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-evawaturi għamlu l-parti tagħhom izda xejn ma jista jiġi ppreżentat quddiem il-Kunsill qabel ma jevalwa t-tender iċ-Ċerman.

63.6.4 **Management Letter:** Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi flimkien mad-dokumenti tal-laqgħa bagħat il-Management Letter ukoll. Ta sommarju tal-affarijiet fil-Management Letter fejn hemm ammont ta' affarijiet li saru kif suppost minn 2016 sa 2017 izda xorta rridu nkunu ċerti li fl-2018 inħarsu lejn l-iżbalji li saru, dawk mill-amministrazzjoni u dawk mill-kunsilliera.

Wara diskussjoni ġie propost li r-reply to Management Letter tiġi aċċettata.

63.6.5 **Bankina Gżira rd.:** li l-perit għandu jibgħat il-BOQ u li WSC aċċettaw li fl-istess ħin jieħdu ħsieb il-pipes illi hemm fl-istess parti tat-triq.

## 63.7 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

63.7.1 Ma kien hemm l-ebda punt taħt dil-parti tal-Aġenda.

## 63.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

63.8.1 Il-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti.

63.8.2 Il-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti tal-Petty Cash

## 63.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

63.8.1 Il-laqgħa intemmet fid-9pm u ġiet aġġornata għall- 31 ta' Lulju 2018 fil-5.30pm.

Konfermati, illum it-Tlieta 31 ta' Lulju 2018.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Conrad Borg Manche<br>Sindku | Anthony Attard<br>Segretarju Eżekuttiv |